2024/966

27.3.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/966

tal-21 ta' Marzu 2024

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1966/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3176/94

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1966/94 ([2]) kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 705/2005 ([3]), il-prodott fir-ringiela li jikkorrispondi għall-punt 7 fit-tabella fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1966/94 deskritt bħala oġġett rettangolari magħmul minn drapp maħdum fitt bil-labar u ta' kulur singlu (100 % qoton) bit-truf irrinfurzati u żewġ fetħiet ta' madwar 10 cm tul sabiex jippermettu l-oġġett jiġi mimli bir-rix, rix irqiq artab jew materjali oħra (duvet jew quilt oħxon), kien ikklassifikat taħt il-kodiċi NM 6302 31 00 ("Bjankerija oħra tas-sodda, tal-qoton").

(2) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3176/94 ([4]) kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2013 ([5]), oġġetti simili ħafna, jiġifieri artikolu rettangolari, mhux normalment adattat għall-ħasil, magħmul minn tessut minsuġ issikkat ħafna kulurit (100 % qoton) bit-trufijiet imsaħħa u ftuħ fuq waħda min-naħat biex jippermettu li l-artikolu jimtela bir-rix, rix irqieq jew materjal ieħor (eiderdown jew duvet tick), kien ikklassifikat taħt il-kodiċi NM 6307 90 98 ("Oġġetti oħrajn manifatturati").

(3) Fil-kolonni "Ir-Raġunijiet" tal-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1966/94, il-punt 7 u r-Regolament (KE) Nru 3176/94, ir-raġunijiet mogħtija ma jipprovdux kjarifika biżżejjed biex jiġu ġġustifikati l-klassifikazzjonijiet rilevanti u biex jiġu ddeterminati kriterji oġġettivi sabiex issir distinzjoni bejn l-oġġetti tal-intestatura 6302 u l-oġġetti tal-intestatura 6307.

(4) Għalhekk, ir-Regolamenti (KE) Nru 1966/94 u 3176/94 ma jikkontribwixxux biex tiġi żgurata klassifikazzjoni uniformi ta' dawk l-oġġetti. Konsegwentement, il-punt 7 fit-tabella stabbilita fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1966/94 jenħtieġ li jitħassar, u r-Regolament (KE) Nru 3176/94 jenħtieġ li jitħassar.

(5) Fl-istess ħin, u sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([6]), il-klassifikazzjoni tal-oġġetti simili għal dawk deskritti fir-Regolament (KE) Nru 1966/94, il-punt 7, u fir-Regolament (KE) Nru 3176/94 jenħtieġ li tiġi ċċarata billi tiġi adottata miżura ġdida dwar il-klassifikazzjoni ta' dan it-tip ta' oġġetti li tipprovdi raġunijiet suffiċjenti biex issir distinzjoni bejn l-oġġetti tal-intestaturi 6302 u 6307. Għalhekk, jeħtieġ li tiġi adottata miżura ġdida dwar il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/2022-12-12.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1966/94 tal-28 ta' Lulju 1994 li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda (ĠU L 198, 30.7.1994, p. 103, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1994/1966/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 705/2005 tal-4 ta' Mejju 2005 li jemenda jew iħassar ċerti regolamenti dwar il-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 118, 5.5.2005, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/705/oj).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3176/94 tal-21 ta' Diċembru 1994 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda (ĠU L 335, 23.12.1994, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1994/3176/2013-06-04).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2013 tas-7 ta' Mejju 2013 li jemenda jew iħassar ċertu regolamenti dwar il-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 130, 15.5.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/441/oj).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/2023-06-17).

(6) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(7) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(8) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' 3 xhur.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' 3 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Fit-tabella stabbilita fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1966/94, titħassar ir-ringiela għall-punt 7.

Artikolu 4

Ir-Regolament (KE) Nru 3176/94 jitħassar.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Oġġett fil-forma ta' qoxra/inforra ta' drapp ta' 100 % qoton minsuġ b'mod issikkat ħafna, ta' kulur wieħed, b'qies ta' madwar 80 cm × 80 cm. It-truf huma rinfurzati b'orlaturi minsuġa. Hemm fetħa fuq naħa waħda ta' madwar 25 cm biex tippermetti l-mili. Il-qoxra/inforra hija mfassla biex timtela wara l-importazzjoni, pereżempju, bir-rix u/jew biż-żajbar u l-fetħa tkun magħluqa b'mod permanenti, biex issir imħadda. (Ara l-istampi) (*)	6307 90 98	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (GIR) u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 6307, 6307 90 u 6307 90 98. Il-klassifikazzjoni tal-oġġett taħt l-intestatura 9404 bħala oġġetti tal-friex u arredament simili hija eskluża minħabba li l-oġġett ma għandux il-karattru essenzjali ta' oġġett komplut tal-intestatura 9404 skont it-tifsira tal-GIR 2 (a). Għadu mhux mimli jew mgħammar internament b'xi materjal. Il-klassifikazzjoni tal-oġġett taħt l-intestatura 6302 bħala bjankerija tas-sodda hija eskluża, minħabba li l-oġġett ma għandux il-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tal-bjankerija tas-sodda tal-intestatura 6302 li tinkludi oġġetti bħal lożor, investi, cases tal-edredun u għata tas-saqqijiet. Tali oġġetti huma mfassla biex jgħattu, pereżempju, imħadda jew edredun u jistgħu jitneħħew faċilment minnhom fi kwalunkwe ħin (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 6302, l-ewwel paragrafu, il-punt (1)). L-oġġett ma għandux l-istess funzjoni jew użu bħall-bjankerija tas-sodda tal-intestatura 6302; huwa prodott ta' natura differenti, peress li għandu jimtela u jingħalaq b'mod permanenti wara l-mili. Id-drapp minsuġ b'mod issikkat ħafna u l-fatt li l-oġġett huwa magħluq b'mod permanenti jiżguraw li l-materjal tal-mili ma jkunx jista' joħroġ. Il-materjal tal-mili ma jistax jitneħħa faċilment ladarba l-oġġett ikun ingħalaq. Għall-kuntrarju tal-investi, l-oġġett isir parti mill-imħadda. Barra minn hekk, l-oġġett mhuwiex f'kuntatt dirett mal-utent, peress li jitgħatta b'investa (il-bjankerija tas-sodda nnifisha) qabel ma jkun jista' jużah l-utent. Minħabba li l-oġġett ma jistax jiġi kklassifikat f'intestatura li hija aktar speċifika mill-intestatura 6307, għandu għalhekk jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 6307 90 98 bħala oġġett ieħor manifatturat, ta' materjali tessili.

(*) L-istampi huma purament għall-informazzjoni.



